MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 695/1999/1

**Il-Kummissarju tal-Pulizjia**

**v.**

**George Galea u b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2008 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Alexandra Zammit, George Galea Jr u Claudia Gafa sabiex ikomplu l-kawża minflok George Galea li miet fil-mori tal-kawża.**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti fl-14 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet premessi u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawn taħt riprodotta:
"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fit-23 ta' Marzu, 1999, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

"Illi permezz ta' decizjoni tal-1 ta' Ottubru 1998 it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji imwaqqaf bl-Att V111 tal-1997 iddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut billi ordna illi "Stante Ii rrizultat ingustizzja mar-rikorrent irid jinstab rimedju Ii fih inniffsu ma jikkawzax ingustizzja ohra izda Ii tinstab soluzzjoni ghal dejjem. Certament Ii dawk il-kjoskijiet li fil-present ghandhom lokaIita stabbiIita m' hux ser jiehdu gost Ii jinghata post ukoll lir-rikorrent, izda dan hu dak li titlob il-gustizzja. Ghalhekk it-Tribunal wara Ii sab l-ilment gustifIkat, jirrikmanda Ii lir-rikorrent jinghatalu permess ghal mobile kiosk b'licenzja ta' fixed site u dana f'Ghar id-Dud, SIiema fl-istess area fejn kien qabel (dan ma jfissirx ezatt l-istess bicca art, izda wahda fl-istess lokaIita u ta' l-istess importanza u fil-vicinanzi ta'
fejn kien qabel u b'mod Ii jkollu verament fixed site)" u dan kif jirrizulta minn kopja tad-decizjoni hawn annessa u markata "Dok A";

"Illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija ultra vires il-poteri tieghu u inghatat bi vjolazzjoni tal-Iigi, marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal, ma segwietx il-proceduri rikjesti mil-Iigi u naqset Ii tiehu konsiderazzjoni ta' dak Ii kien rilevanti ghad-decizjoni filwaqt Ii hadet in konsiderazzjoni fatturi irrilevanti u ghar-ragunijiet segwenti: -

i. Illi d-decizjoni ma kienitx gustifikata mill-provi li kienu irrizultaw lit-Tribunal billi anke mid-decizjoni stess jirrizulta li l-licenzja in kwistjoni kienet giet revokata fuq ordni tal-Qorti tal-Magistrati wara li r-rikorrent stess kien ukoll iddikjara li ma kellux interess fiha u ghalhekk meta wasal ghall-imsemmija decizjoni li saret ingustizzja abbazi tal-provi migjuba quddiemu t-tribunal naqas mill-obbligu tieghu li jagixxi ragjonevolment u li ma jesercitax il-poteri tieghu b’mod arbitrarju u illi jiddeciedi abbazi ta' dak li huwa rilevanti;

ii. Illi d-decizjoni marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal stante illi t-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti rimedju biss fejn jirrizulta li saret ingustizzja bejn id-9 ta'Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 flt-termini tal-Att V111 tal-1997 u jekk jikkundanna lill-intimat u jaghti rimedju fejn tali ingustizzja ma rrizultatx mill-provi it-Tribunal ikun qieghed jaghti decizjoni li huwa m' huwiex kompetenti biex jaghti bhal ma gara f’dan il-kaz;

iii. Illi t-Tribunal naqas li jindaga jekk fiz-zmien meta inghatat id-decizjoni kienx possibbli li jinhareg permess lill-konvenut biex dan jiggestixxi gabbana go Ghar id-Dud tas-Sliema u minflok qabad u iddecieda li tali permess ghandu jinhareg minghajr ma kienu presenti fil-proceduri l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorita tal-Ippjanar li huma l-awtoritajiet kompetenti biex johorgu l-permessi mehtiega mill-konvenut biex jiggestixxi l-attivita in kwistjoni. Illi d-decizjoni ghalhekk inghatat minghajr ma giet segwita l-procedura impcita fl-Artikolu 7 (9) (c) u (d) tal-Att V111 tal-1997. Skond is-subartikolu 7(9) (c) r-rimedju rakkomandat mit-Tribunal ghandu jinghata " b’gharfien tal-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet tal-Estacode li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni.". Fid-decizjoni tieghu it-Tribunal ma rrefera ghal ebda tali ligi;

iv. Illi d-decizjoni impunjata hija ukoll ultra vires il-poteri tat-Tribunal billi naqset illi taghti konsiderazzjoni lic-cirkostanzi li fihom l-konvenut kien ottjena l-licenzja biex jiggestixxi l-gabbana in kwistjoni fejn l-konvenut kien inghata licenzja fl-1982 flok persuna li kien ilu bil-licenzja ghal hafna zmien u li kienet ittieditlu semplicement ghax xeghel it-television fuq stazzjon tal-partit ta' l-opposizzjoni kif kellu kull dritt jaghmel. Fil-fatt fid-decizjoni tat-Tribunal

huwa ukoll rikonoxxut illi l-imsemmija Iicenzja kienet ittiehdet "minhabba uzu hazin ta' television ghal xandir poIitiku" pero dan il-fatt ma inghata ebda konsiderazzjoni.

“Illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija ukoll nulla billi hija inesegwibbIi u dan peress illi fi kwalunkwe kaz m'huwiex fil-poter ta' l-attur Ii jaghti d-dritt ghall-uzu ta' art pubblika jew Ii johrog permessi tal-Ippjanar Ii huma necessarji biex persuna jibni jew iqieghed gabbana fuq art pubblika u l-konvenut qatt ma ipproduca l-imsemmija permessi lill-attur anke meta gie interpellat biex jipproducihom;

“Talab li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara Ii d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tal-1 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet "George Galea vs Kummissarju tal-Pulizija (Rikors 40/97) hija nulla kemm ghax hija ultra vires il-poteri ta' l-imsemmi Tribunal ghar-ragunijiet premessi, u ghax hija fi kwalunkwe kaz inesegwibbli; u
2. Thassar , tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-kontro-protest gudizzjarju presentat wara l-protest tal-konvenut tal-11 ta' Novembru 1998 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attur;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

“1. Illi in-nullita tal-azzjoni odjerna stante Ii a tenur ta' l-Artikolu 814
tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, taIba ghal ri-trattazzjoni trid per forza ssir quddiem dik il-Qorti Ii tkun tat is-sentenza originali. Il-Prim Awla tal-Qorti CiviIi ma kienitx dik il-Qorti;

“2. In-nullita ta' dawn il-proceduri stante Ii taIba ghal ri-trattazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 818 tal-Kap 12 tal-Ligijiet

ta' Malta trid issir entro t-terminu ta' tlett xhur, liema terminu ormai skada;

“3. Illi bla pregudizzju u fil-mertu ghandu jinghad li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li t-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma ghamel ebda enuncjazzjoni zbaljata ta' ligi kif allegat;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

“Semghet lix-xhieda li tressqu;

“Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat n-noti ta’sottomissjonijiet tal-partijiet;

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

“Ikkonsidrat :

“Illi irrizulta mix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Magro illi huwa sar jaf b’dan il-kaz f’Marzu 1990 meta kien Spettur u kien ukoll Ufficjal Prosekutur imexxi l-prosekuzzjoni fis-seduta tad-distrett ta’ tas-Sliema. Huwa xehed illi George Galea kien gie akkuzat u kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati talli naqas li jhallas il-licenzji relattivi tal-kiosk li kellu f’Ghar id-Dud Sliema. Ix-xhud qal illi qabel ma hadu dawn il-passi kriminali kontra George Galea, George Galea kien iddikjara mal-pulizija li ma kienx qieghed ihallas il-licenzja peress illi ma kienx qieghed jarma il-kiosk. Kien irrizulta illi huwa kien hallas il-licenzja sas-sena 1988, izda irrifjuta li jhallas il-licenzja ghas-sena 1989 peress illi sostna illi ma kienx qieghed jarma il-kiosk. Ix-xhud ikkonferma illi kien l-Ufficjal Prosekutur f’dik is-seduta u kien prezenti meta inghatat is-sentenza kontra George Galea. Huwa ikkonferma li sat-2 ta’ Novembru 1990 Galea ma kienx qieghed jarma il-kiosk tieghu.

“Ikkonsidrat :

“Illi s-Supretendent esebixxa is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta’ Ottubru 1990 u permezz ta’ din is-sentenza George Galea kien gie misjub hati talli kiser il-provvedimenti ta’ l-Avviz tal-Pulizija numru 121/1961 billi naqas illi igedded il-licenzja biex jaghmilha ta’ take away minn kiosk Ghar id-Dud ghas-sena 1989 u b’hekk gie li zamm l-istess kiosk miftuh minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti dakinhar kienet ordnat ir-revoka tal-licenzja tal-hanut fuq imsemmi.

“Ikkonsidrat :

“Illi xehed ukoll Martin Tanti Palmier u qal illi l-familja tieghu kienet dejjem tarma il-kiosk Ghar id-Dud tas-Sliema ghall-perjodu ta’ madwar 45, 50 sena. Huwa xehed illi darba minnhom kienu xeghelu l-istazzjon Studio Master fi zmien il-Gvern Laburista u il-Gvern Laburista kien waqqfilhom il-permess u minflok kienu taw il-permess lil George Galea sabiex jarma gabbana ezattament fil-post fejn kienu jarmaw huma qabel. Huwa xehed illi sussegwentement fl-1987 rega’ tela l-Gvern Nazzjonalista, huma regghu applikaw u inghatalhom il-permess sabiex jergghu jarmaw il-gabbana ezattament fejn kienu jarmaw qabel u lis-Sur Galea resquh fin-nofs. Is-Sur Tanti Palmier xehed illi ezattament kif il-permess taghhom kien gie revokat huma regghu bdew japplikaw sabiex jinghatalhom permess, izda il-permess inghatalhom biss fis-sena 1987 u ghalhekk ghamlu xi erba jew hames snin weqfin ma jistghux jarmaw. Ix-xhud kompla jghid illi Galea kien baqa’ jarma il-gabbana ghal madwar tlett snin wara l-1987. Kien hemm perjodu fejn kien jarma il-kiosk hu u kien hemm perjodu iehor fejn kien willih lil terzi. Izda umbaghad wara madwar sentejn u nofs George Galea ma baqax jarma bil-kiosk u qatt ma rama aktar bil-gabbana Ghar id-Dud.

“Ikkonsidrat :

“Illi fil-mori tad-differiment miet George Galea u ghalhekk gie ipprezentat rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju, liema rikors gie degretat minn din il-Qorti fit-23 ta’ Ottubru, 2008,

u permezz ta’ dan id-digriet il-gudizzju gie trafuz f’isem Alexandra Zammit, George Galea u Claudia Gafa.

“Ikkonsidrat :

“Illi din il-kawza giet istitwita sabiex il-Qorti tiddikjara id-dikjarazzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji tal-1 ta’ Ottubru 1998 fl-ismijiet George Galea kontra Il-Kummissarju tal-Pulizija nulla peress illi hija ultra vires kif ukoll peress illi fi kwalunkwe kaz hija inezigwibbli u il-Qorti intalbet ukoll sabiex thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji.

“Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi l-azzjoni odjerna hija nulla a tenur tal-Artikolu 814 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi talba ghar-ritrattazzjoni trid issir bil-fors quddiem dik il-Qorti li tkun tat is-sentenza originali u il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ma kienitx il-Qorti illi tat is-sentenza originali.

“Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu l-attur jikkontendi illi d-decizjoni tat-Tribunal hija ultra vires fis-sens (a) illi t-Tribunal ma ghandu l-ebda poter illi jaghmel rakkomandazzjoni sabiex awtoritajiet johorgu permessi minghajr li tali awtoritajiet ikunu parti fil-proceduri kif ukoll (b) peress illi t-Tribunal ma ghandux poter jissindika d-decizjonijiet tal-Qrati li jkunu ghaddew in gudikat bhal fil-kaz in ezami.

“Ikkonsidrat :

“Illi l-Artikolu 6 (1) (e) tal-Kap. 394 jipprovdi illi t-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ghandu s-setgha li jisma u jaqta dwar kull ilment dwar licenzja jew permessi mehtiega bil-ligi.

“Illi l-Artikolu 7 (9) tal-istess Kap. 394 jipprovdi illi fid-decizjoni tieghu t-Tribunal, sabiex jasal ghal dik id-decizjoni, ghandu jqis il-ligijiet li jkunu fis-sehh filwaqt tal-att jew tal-omissjoni li fuqu jkun imsejjes l-ilment u ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal trid tkun imsejsa b’gharfien

tal-ligijiet li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni, u meta ma jkunx possibli li t-Tribual jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jista jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens li f'ebda kaz ma ghandu jeccedi l-ammont ta'hamest elef lira Maltin (LM5,000), ekwivalenti ghal hdax il-elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

"Ikkonsidrat :

"Illi l-Qorti rat u ezaminat sew is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fl-1 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet George Galea vs Kummissarju tal-Pulizija, fejn it-Tribunal kien tal-fehma illi fl-1987 "meta wara li giet moghtija il-licenzja lil Joseph Tanti Palmier il-pulizija minflok ma sabet soluzzjoni billi gew decizi il-postijiet fejn ghandhom joqghodu il-kiosks, bdiet iccaqlaq dak tar-rikorrent, il-konvenut f'din il-kawza, ftit 'l hawn u 'l hemm. Dana wassal ghal telf ta' negozju u dejjaq lir-rikorrent li meta wegga saqajh spicca biex rinfaccjat b'dawn ic-cirkostanzi kollha, irrinunzja. Il-licenza li kellu ir-rikorrenti kienet wahda ghal fixed site meta fil-fatt minhabba li giet moghtija licenzja ohra lil Joseph Tanti Palmier lilu il-pulizija bdiet kontinwament iccaqalqu. Stante illi irrizultat ingustizzja mar-rikorrenti, irid jinstab rimedju li fih innifsu ma jikkawzax ingustizzja ohra, izda li tinstab soluzzjoni ghal dejjem. Certament li dawk il-kjoskijiet illi fil-prezent ghandhom lokalita stabbilita mhux ser jiehdu gost li jinghata post ukoll lir-rikorrent, izda dan hu dak li titlob il-gustizzja. Ghalhekk it-Tribunal wara li sab l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghatalu permess ghal Mobile Kiosk b'licenzja ta' fixed site u dana f'Ghar id-Dud Sliema fl-istess area fejn kien qabel (dan ma jfissirx ezatt l-istess bicca art, izda wahda fl-istess lokalita, u ta' l-istess importanza, u fil-vicinanzi ta' fejn kien qabel u b'mod li jkollu verament fixed site). Spejjez kontra l-intimat."

"Ikkonsidrat ;

"Illi meta George Galea pprezenta ir-rikors tieghu lit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji kien ippremetta illi huwa kellu licenzja ta' fixed kiosk Ghar id-

Dud, li kien korra u kiser saqajh fl-1987 u minhabba f'dan kien informa lill-pulizija li ma kienx ser jarma ghas-sajf tas-sena 1987, izda bl-ebda mod ma kien irrinunzja ghall-permessi relattivi. Huwa ippremetta illi huwa kien jarma faccata tal-Preluna u kien ilu jarma hekk aktar minn tlett snin.

"Illi madanakollu pero' inghata permess lil certu Tanti Palmier fl-istess post.

"Illi jidher car li l-pulizija ezekuttiva ma uzatx ir-raguni taghha b'mod ragonevoli u b'hekk sofra pregudizzju ir-rikorrenti.

"Illi minhabba f'dan ir-rikorrenti inghata post imwarrab fejn ma kellux xoghol u ghaldaqstant ir-rikorrent talab lill-Bord jaghti parir lill-Onorevoli Prim'Ministru sabiex il-lanjanzi tieghu jigu gustament kompensati u rimedjati.

"Ikkonsidrat :

"Illil l-attur jikkontendi li d-decizjoni tat-Tribunal hija ultra vires ghaliex it-Tribunal ma ghandu l-ebda poter illi jaghmel rakkomandazzjoni sabiex awtorita tohrog permess minghajr ma tali awtorita jew awtoritajiet ikunu parti fil-proceduri.

"Illi il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument peress illi l-attur kellu min jirrapprezentah quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u setgha, li kieku ried, qajjem dan il-punt bhala eccezzjoni quddiem it-Tribunal, izda huwa ghazel li ma jaghmilx dan u ghalhekk issa ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri sabiex din il-Qorti b'xi mod tirrevedi id-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u dana meta hu stess kien parti f'dawk il-proceduri u qatt ma talab illi l-awtoritajiet illi huwa isemmi jiddahlu ukoll bhala parti f'dawk il-proceduri.

"Ikkonsidrat :

“Illi l-attur jikkontendi wkoll illi t-Tribunal lanqas ghandu poter jissindika decizjonijiet tal-Qrati li jkunu ghaddew in gudikat bhal fil-kaz in ezami.

“Illi bir-rispett kollu jinghad li s-sentenza tat-Tribunal ma hiex bazata fuq id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati u lanqas fuq is-sindikar ta’ tali decizjoni, u skond l-istess Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji il-licenzja tal-konvenut giet revokata fuq talba tieghu stess wara illi il-konvenut kien tilef l-interess li jkompli bin-negozju. Izda il-Qorti rat illi is-sentenza tat-Tribunal hija bazata fuq il-fatt illi fl-1996 il-konvenut kien talab li jinghata il-licenzja ghaliex irkupra sahhtu, u dan minkejja il-fatt illi l-konvenut ma kien ghamel l-ebda talba f’dan is-sens meta ipprezenta ir-rikors tieghu quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, peress illi dakinhar huwa kien ibbaza it-talba tieghu fuq il-fatt illi kien inghata post imwarrab fejn ma kellux xoghol.

“Ikkonsidrat :

“Illi l-attur ma ghamel l-ebda osservazzjoni dwar dan il-fatt u huwa qieghed jibbaza l-azzjoni odjerna fuq iz-zewg konsiderazzjonijiet imsemmija, jigifieri illi d-decizjoni tat-Tribunal hija ultra vires peress illi t-Tribunal irrikkmanda l-awtoritajiet johorgu permessi minghajr ma tali awtoritajiet kienu parti fil-proceduri u fit-tieni lok illi t-Tribunal ma ghandux poter jissindika decizjonjiet tal-Qrati li jkunu ghaddew in gudikat bhal fil-kaz in ezami.

“Ikkonsidrat :

“Illi it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ibbaza id-decizjoni tieghu fuq il-fatt illi fl-1996 ir-rikorrenti, il-konvenut odjern, kien talab biex jinghata lura il-licenzja li kellu qabel, u it-Tribunal fid-decizjoni tieghu irrakkomanda illi l-konvenut, ir-rikorrenti f’dawk il-proceduri, ghandu jinghata tali licenzja.

“Illi ghalhekk il-Qorti trid tissindika jekk din id-decizjoni tat-Tribunal, li permezz taghha it-Tribunal irrakkomanda lill-

awtoritajiet sabiex jaghtu licenzja lill-konvenut odjern kienitx ultra vires jew le.

“Illi t-Tribunal ma kellux quddiemu kaz fejn kien hemm licenzja vigenti, izda rifjut da parti tal-awtoritajiet milli jaghtu licenzja lir-rikorrenti.

“Illi r-rikorrenti kien applika ghal din il-licenzja fl-1996.

“Ikkonsidrat :

“Illi skond l-Artikolu 5 (4) tal-Kap. 394, l-istess Kap. 394 ghandu japplika biss ghal att jew omissjoni li tkun grat bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u il-15 ta’ Mejju 1995.

“Illi certament sal-15 ta’ Mejju 1995 il-Kummissarju tal-Pulizija kellu ordni tal-Qorti tal-Magistrati sabiex jirrevoka il-licenzja lill-konvenut odjern, kif diga intqal.

“Illi l-applikazzjoni ghall-licenzja gdida saret mill-konvenut odjern fl-1996 u dak iz-zmien it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ma kellux poter jissindika dan l-ilment stante li l-incident gara wara l-perjodu li trid il-ligi, kif provdut fil-Kap. 394.

“Illi anke li kieku din il-Qorti kellha tiehu konjizzjoni tat-talba tal-konvenut quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, fis-sens illi huwa sofra ingustizzja peress li tpogga f’post imwarrab u ghalhekk kellu jigi gustament kompensat u s-sitwazzjoni kellha tigi rimedjata, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji sfortunatament ma ghamel xejn minn dan, izda ibbaza id-decizjoni tieghu fuq il-fatt illi meta il-konvenut odjern applika ghall-licenzja il-gdida fl-1996 din ma inghatatx lilu mill-awtoritajiet kompetenti.

“Illi l-Qorti Ikkonsidrat ukoll illi l-istess konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu issottometta illi fis-sena 1996 il-Kummissarju tal-Pulizija ghoggbu ma igeddidlux il-licenzja u ghalhekk ma setghax ikompli jopera il-gabbana. Il-konvenut kompla jissottometti illi huwa minnu illi l-licenzja tal-konvenut giet revokata permezz ta’ sentenza moghtija

mill-Qorti tal-Magistrati fit-30 ta’ Ottubru 1990 u qal illi dan il-fatt huwa anke ammess fid-decizjoni tat-Tribunal.

“Illi ghalhekk jirrizulta ampjament, anke mill-istess sottomissjonijiet illi ghamel il-konvenut fin-nota finali tieghu ta’ osservazzjonijiet, illi d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji tirreferi ghad-decizjoni tal-awtoritajiet illi ma johorgux licenzja gdida lill-konvenut fl-1996, u kif diga intqal, il-Kapitolu 394 ma jaghti l-ebda awtorita jew poter lit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji sabiex jinvestiga atti jew ommissjonijiet li sehhew wara il-15 ta’ Mejju 1995, bhal ma gara fil-kaz odjern, u ghaldaqstant id-decizjoni tal-istess Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji hija nulla stante li hija ultra vires il-poteri tat-Tribunal.

“Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa it-talbiet attrici u tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji tal-1 ta’ Ottubru 1998 fl-ismijiet George Galea kontra Kummissarju tal-Pulizija (rikors 40/97) hija nulla ghaliex hija ultra vires il-poteri ta' l-imsemmi Tribunal, u konsegwentement il-Qorti qeghda thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni.

“Bl-ispejjez kif mitluba kontra il-konvenuti.”

**Rikors tal-appell tal-konvenuti:**

**3.** Il-konvenuti ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

**4.** L-aggravji tagħhom huma bażikament is-segwenti:

1) Il-preskrizzjoni tal-azzjoni:

Il-konvenuti appellanti jirritjenu li għalkemm ma jirriżultax ċar mill-premessi taċ-ċitazzjoni, in-natura tal-azzjoni hija dik ta’ stħarriġ ġudizzjarju ta’ azzjoni amministrattiva ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fil-fatt jagħmlu riferenza għar-risposta li ppreżenta l-attur l-appellat fit-2 ta’ Lulju 1999 fejn ikkonferma li l-kawża hija waħda ta’ “judicial review” ta’ deċiżjoni ta’ Tribunal statutorju. Ikomplu jgħidu li skont l-Artikolu 469A azzjoni

biex twaqqa' egħmil amministrattiv għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil. Għalhekk isostnu li l-azzjoni saret tnejn u għoxrin ġurnata tard u konsegwentement l-ewwel Qorti kellha tiddikjara l-kawża bħala perenta.

2) Mhux minnu li t-tribunal agixxa *ultra vires*:
Il-konvenuti appellanti, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, isostnu li t-Tribunal de quo aġixxa *intra vires* u entro l-poteri lilu mogħtija fl-Artikolu 6 tal-Kap. 394 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jilmentaw li waqt il-proċess quddiem it-tribunal irriżulta bl-aktar mod skjaċċanti li saret diskriminazzjoni fil-konfront ta' George Galea biex jiġi akkommodat Joseph Tanti Palmier.

**5.** Jargumentaw ukoll li l-ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet li t-Tribunal aġixxa *ultra vires* minħabba li l-ilment jirrisali għall-inġustizzja li seħħet fl-1996, mentri skont l-Artikolu 5(4) tal-Kap. 394 it-Tribunal kellu l-kompetenza jissindika l-inġustizzji li seħħew bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995. L-appellanti jsostnu li minn eżami tal-atti quddiem it-Tribunal jirriżulta b'mod ċar li l-ilment kien jirrisali entro t-terminu imsemmi u għalhekk l-ewwel Qorti kienet erronja f'dan ir-rigward. Iżidu jgħidu wkoll li l-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti huma adirittura kontrastanti u konfliġġenti għall-aħħar għal dawk mogħtija fl-istess ġurnata mill-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet inversi fejn it-talbiet atturi f'dik il-kawża ġew miċħuda minħabba l-preskrizzjoni ta' sentejn għaliex skont il-Qorti dawn kienu jirrisalu għall-1987.

**Risposta tal-appell tal-appellat il-Kummissarju tal-Pulizija:**

**6.** L-appellat il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**7.** Preliminarjament l-attur appellat jirrileva li r-rikors odjern ma ġiex notifikat lill-Avukat Ġenerali u skont l-Artikolu 181B(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-terminu għall-preżentata tar-risposta da parti tiegħu għadu

ma bediex jiddekorri. F'dan ir-rigward huwa jirreferi għal deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Attard et v. Awtorita` tal-Ippjanar et** (deċ. 25.05.2001).

**8.** Rigward *l-ewwel aggravju* tal-appellanti huwa jirrileva li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' "*judicial review*" illi trid tiġi interpretata fit-terminu ta' "*residual powers of the courts*" u mhux kif qed jittantaw jinterpretawha l-appellanti bħala azzjoni taħt l-Artikolu 469A. Jispjega li l-Artikolu 469A japplika għal deċiżjonijiet ta' awtoritatjiet pubblici li jinkwadraw fid-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" skont l-istess Artikolu 469A u f'dan il-każ is-sindikar isir fit-terminu ta' dan l-artikolu, pero` fil-każ ta' awtoritajiet oħra li għalihom dan l-artikolu ma japplikax (bħal fil-każ de quo li jittratta sindikar ta' Tribunal imwaqqaf permezz ta' liġi) dak is-sindikar isir abbażi tal-poter residwali tal-qrati li jissindikaw il-legalita` b'mod ġenerali. Huwa jagħmel xi referenzi biex isaħħaħ l-argument tiegħu.

**9.** Fi kwalunkwe każ, jgħid li l-kwistjoni tad-dekadenza mill-azzjoni fit-termini tal-Artikolu 469A hija rrilevanti u insostenibbli għaliex id-deċiżjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji ngħatat fl-1 ta' Ottubru 1998 u l-kawża ġiet intavolata fit-23 ta' Marzu 1999, u cioe` f'inqas minn sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal.

**10.** Fir-rigward tat-*tieni aggravju* tal-appellanti, l-appellat jirrileva li s-setgħat tat-Tribunal jirriżultaw mill-Artikolu 6 tal-Kap. 394 fejn hu stabbilit li t-Tribunal għandu s-setgħa li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun ġarrbet inġustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew ingħatat bi ħsara għaliha, jew ta' xi inkapaċita` jew restrizzjoni li kellha ġġarrab, b'xi azzjoni meħuda minn xi persuna li għaliha japplika l-Kapitolu 394 dwar *"(d) liċenzji jew permessi meħtieġa bil-liġi*".

**11.** L-attur appellat isostni li t-Tribunal għadda għad-deċiżjoni mingħajr ma kkonsidra l-liġijiet viġenti u għalhekk ir-rakkomandazzjoni tiegħu ma tistax tiġi implimentata. Huwa jargumenta li l-konvenut qatt ma kiseb permessi relatati mal-użu ta' art pubblika u qatt ma

pproduċa provi ta’ tali permessi. Jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet *ultra vires* għaliex ma kellu l-ebda poter li jagħmel rakkomandazzjoni biex awtoritajiet joħorġu permessi mingħajr ma tali awtoritajiet ikunu parti fil-kawża. In oltre jsemmi li l-liċenzja ta’ George Galea kienet ġiet revokata permezz ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-30 ta’ Ottubru 1990 stante li l-istess konvenut kien irrifjuta li jħallasha sas-sena 1989 u di piu` kien il-konvenut stess li kien talab ir-revoka tal-liċenżja. Isostni għalhekk li t-Tribunal mar pależament ultra vires il-poter tiegħu meta irravviża “inġustizzja” fit-termini tal-Att VII tal-1997 fit-tħassir ta’ liċenzja ta’ negozju li saret in forza ta’ sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u meta irrakkomanda li jingħata “rimedju” għal dik l-“inġustizzja” billi l-konvenut jingħata permess ieħor għal gabbana f’Għar id-Dud, Sliema.

**12.** L-appellat isostni li l-ewwel Qorti kienet korretta meta osservat li l-applikazzjoni għal-liċenzja ġdida saret fl-1996 u dak iż-żmien it-Tribunal ma kellux poter jissindika dan l-ilment stante li ġara wara l-perjodu li trid il-liġi, kif provdut fil-Kapitolu 394. L-appellat jissottometti li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jagħtix liċenzja lil George Galea ittieħdet fl-1996 u cioe` wara l-15 ta’ Mejju 1995, sa liema data t-Tribunal kellu kompetenza li jisma’ lmenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti:</u>**

**13.** **<u>L-ewwel aggravju</u>** tal-konvenuti appellanti jirrigwarda l-preskrizzjoni. Huma jikkategorizzaw l-azzjoni odjerna bħala waħda ta’ stħarriġ ġudizzjarju ta’ azzjoni amministrattiva ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u jispjegaw illi skont l-istess Artikolu 469A azzjoni biex twaqqa’ egħmil amministrattiv għandha ssir fi żmien <u>sitt</u> xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta’ jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b’dak l-egħmil. Jgħidu li ladarba d-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat fl-1 ta’ Ottubru 1998 u l-kawża odjerna ġiet intavolata fit-23 ta’ Marzu 1999 ifisser li saret tnejn u għoxrin (22) ġurnata tard u konsegwentement l-ewwel Qorti kellha tiddikjara l-kawża bħala perenta. (Din il-Qorti hija perplessa mhux ftit b’din il-matematika tal-appellanti, peress li mill-1 ta’

Ottubru 1998 sat-23 ta’ Marzu 1999 ma għaddewx sitt xhur).

**14.** L-appellanti ddikjaraw illi kienet saret eċċezzjoni ulterjuri da parti tal-konvenut George Galea illi l-azzjoni proposta hija perenta fit-termini tal-Artikolu 469A(3). Din il-Qorti rat li fil-fatt fit-3 ta’ Ġunju 2008 il-konvenut George Galea kien talab lill-ewwel Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizzah jippreżenta eċċezzjoni ulterjuri, u cioe` dik tal-preskrizzjoni tas-sitt xhur ai termini tal-Artikolu 469A(3). L-ewwel Qorti laqgħet it-talba jumejn wara, u cioe` fil-5 ta’ Ġunju 2008. Ftit ġimgħat wara, fis-7 ta’ Lulju 2008 il-konvenut George Galea miet u fit-23 ta’ Ottubru 2008 l-atti ġew trasfużi f’isem l-eredi tiegħu (li huma l-appellanti odjerni). Jirriżulta li l-eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni li l-ewwel Qorti kienet awtorizzat lill-konvenut George Galea jippreżenta, qatt ma saret, la minnu u lanqas mill-eredi tiegħu u fil-fatt l-ewwel Qorti qatt ma ddeċidiet xejn dwarha preċiżament għaliex qatt ma ġiet effettivament sollevata.

**15.** Huwa minnu li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hi sollevabbli fi kwalunkwe stadju, anki fl-appell[1], iżda hu minnu wkoll li l-Qrati rritenew li tali eċċezzjoni trid tingħata b’mod formali permezz ta’ nota ta’ eċċezzjonijiet li meta tingħata fil-kors tal-proċeduri trid tkun giet awtoriżżata mill-Qorti[2]. Iżda ma jiswa xejn li ssir it-talba għall-awtorizzazzjoni biex tingħata, t-talba tiġi milqugħa, izda l-eċċezzjoni awtorizzata tibqa’ ma tingħatax.

**16.** Ladarba dan l-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwarda eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni li qatt ma tqajmet kif meħtieġ dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint.

**17.** Fuq kollox, kif ġia` rilevat, jirriżulta li mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal sad-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni il-perjodu ta’ sitt xhur, kuntrarjament għal dak li jintqal mill-attur appellant, kien għadu ma għaddiex.

---

[1] Artikolu 2112 Kodiċi Ċivili

[2] App. Civ. Inf. George Grech v Maria Grech et., 4/10/2002; App. Ċiv. Inf. The Cargo Handling Co. Ltd. v Messrs. John Abela Limited, 7/7/2003; App. Ċiv. Inf. Gayle Scerri v Eric Borg et, 20/10/2003

**18.** Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti isostnu li kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, t-Tribunal aġixxa *intra vires* u entro l-poteri tiegħu lilu mogħtija fl-Artikolu 6 tal-Kap. 394 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jikkritikaw il-konklużjoni tal-ewwel Qorti fejn hija rriteniet li peress li skont l-Artikolu 5(4) tal-Kap. 394 it-Tribunal kellu l-kompetenza li jissindika inġustizzji li seħħew bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u peress li l-ilment kien jirrisali għal inġustizzja li seħħet fl-1996, isegwi allura li t-Tribunal aġixxa *ultra vires*. Huma jsostnu li l-ilment fil-fatt ma kienx jirrisali għall-1996 iżda kien invece jirrisali għall-1987.

**19.** Din il-Qorti rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-appellant fl-ewwel istanza (fol. 102) u tistqarr li l-istess nota aktar toħloq konfużjoni milli kjarezza għaliex hi għal kollox tal-anqas ekwivoka preċiżament dwar iż-żmien li fih l-appellant jinkwadra l-lanzjanza tiegħu.

**20.** Għall-finijiet ta' dan l-aggravju huwa importanti li jiġi stabbilit eżattament liema hija l-allegata inġustizzja mertu tad-deċiżjoni tat-Tribunal:

- li meta tela' l-Gvern Nazzjonalista fl-1987 Galea ingħata "*post imwarrab*" fejn jarma l-kiosk tiegħu, jew

- id-deċiżjoni tal-awtoritajiet li ma joħorġulux liċenzja ġdida fl-1996?

**21.** L-ewwel Qorti kkonkludiet li "*d-deċiżjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji tirreferi għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet illi ma joħorġux liċenzja ġdida lill-konvenut fl-1996, u kif diġa intqal, il-Kapitolu 394 ma jagħti l-ebda awtorita` jew poter lit-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji sabiex jinvestiga atti jew ommissjonijiet li seħħew wara l-15 ta' Mejju 1995, bħal ma ġara fil-każ odjern, u għaldaqstant id-deċiżjoni tal-istess Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji hija nulla stante li hija ultra vires il-poteri tat-Tribunal.*" (sottolinejar ta' din il-Qorti).

**22.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni. Jirriżulta mill-istess deċiżjoni tat-Tribunal, u mir-rikors ta' Galea quddiem l-istess Tribunal kif riportat f'dik id-deċiżjoni, li l-lanjanzi ta' Galea kienu jirrisalu għall-1987 meta, minkejja li informa lill-Pulizija esekuttiva li ma kienx ser jarma dak is-sajf minħabba li weġġa' saqajh (u mhux għaliex kien qed jirrinunzja għall-permess), il-Pulizija taw permess lill-kompetitur tiegħu Tanti Palmier biex jarma fl-istess post u minħabba f'hekk Galea ingħata "post imwarrab". Dawn kienu l-lanjanzi tiegħu <u>li abbażi tagħhom</u> huwa talab lit-Tribunal jagħti parir lill-Onorevoli Prim Ministru sabiex dawn jiġu ġustament kumpensati u rimedjati u mhux il-fatt li ma tawħx liċenzja ġdida fl-1996. Fil-fatt it-Tribunal qal hekk:

"*Ir-rikorrent jilmenta li saret inġustizzja miegħu kif imsemmi fir-rikors u riportat fl-ewwel parti tas-sentenza. <u>Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan irriżulta fl-1987</u> meta wara li ġiet mogħtija liċenzja lil Joseph Tanti Palmier, il-Pulizija minflok ma sabet soluzzjoni billi ġew deċiżi l-postijiet fejn għandhom joqgħodu l-kiosks bdiet iċċaqlaq dak tar-rikorrent ftit 'l hawn u 'l hemm. Dan wassal għal telf ta' negozju u dwejjaq lir-rikorrent li meta weġġgħa saqajh spiċċa biex iffaċċjat b'dawn iċ-ċirkostanzi kollha irrinunzja. Il-liċenzja li kellu r-rikorrent kienet waħda għal fixed site meta fil-fatt minħabba li reġgħet ġiet mogħtija liċenzja oħra lil Joseph Tanti Palmier, lilu l-Pulizija bdiet kontinwament iċċaqalqu."* (sottolinejar ta' din il-Qorti)

**23.** Għalhekk il-konklużjoni tal-ewwel Qorti li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija nulla għaliex *ultra vires* il-poteri tiegħu (in kwantu l-istess Tribunal m'għandux awtorita` jew poter biex jinvestiga atti jew ommissjonijiet li seħħew wara l-15 ta' Mejju 1995) hija skorretta, u fil-fehma ta' din il-Qorti hija invece d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li għandha tiġi annullata u mħassra.

**24.** Din il-Qorti tosserva li fiċ-ċitazzjoni tiegħu, l-appellat Kummissarju tal-Pulizija ippremetta li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija nulla mhux biss għar-raġuni kkonsidrata mill-ewwel Qorti, (u cioe` li hija *ultra vires* minħabba li l-inġustizzja kienet tirrisali għal żmien wara l-1995) iżda

għal diversi raġunijiet oħra li dwar uħud minnhom l-ewwel Qorti ghamlet xi konsiderazzjonijiet iżda ma jirriżultax kjarament li effettivament iddeċidiet dwarhom. Ir-raġunijiet l-oħra miġjuba 'l quddiem mill-intimat biex isostni l-eċċezzjoni tiegħu tan-nullita` tad-deċiżjoni tat-Tribunal kienu dawk li gejjin:

1) Ippremetta li hija nulla bħala *ultra vires* għaliex:

i) id-deċiżjoni ma kinitx ġustifikata mill-provi li kienu rriżultawlu billi jirriżulta mid-deċiżjoni stess li l-liċenzja kienet ġiet revokata fuq ordni tal-Qorti tal-Maġistrati wara li r-rikorrent Galea stess kien iddikjara li ma kellux interess fiha;

ii) it-Tribunal huwa kompetenti li jagħti rimedju biss fejn jirriżulta li saret inġustizzja bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995; u din hija r-raġuni li fil-fatt iddeċidiet dwarha l-ewwel Qorti;

iii) it-Tribunal iddeċieda li l-permess għandu jinħareġ mingħajr ma kienu preżenti fil-proċeduri l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorita` tal-Ippjanar u għalhekk id-deċiżjoni ingħatat mingħajr ma ġiet segwita l-proċedura skont l-Artikolu 7(9)(c) u (d) tal-Att VIII tal-1997; dwar din l-ewwel Qorti għamlet xi konsiderazzonijiet u esprimiet il-fehma li ma kienetx taqbel ma' dan l-argument.

iv) it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu naqas li jagħti konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom il-konvenut kien ottjena l-liċenzja fl-1982 minflok persuna li kienet ilha bil-liċenzja għal ħafna żmien;

2) Ippremetta wkoll li hija wkoll nulla billi hija <u>inesegwibbli</u> peress li mhux fil-poter tal-Kummissarju tal-Pulizija li jagħti d-dritt għall-użu ta' art pubblika jew li joħroġ permessi tal-Ippjanar li huma neċessarji biex persuna tibni jew tqiegħed gabbana fuq art pubblika u Galea qatt ma pproduċa l-imsemmija permessi lill-istess Kummissarju anke meta ġie interpellat jipproduċihom.

**25.** L-ewwel Qorti kkonkludiet li s-sentenza tat-Tribunal hija nulla għaliex hija *ultra vires* il-poteri tiegħu in kwantu investigat atti/ommissjonijiet li seħħew wara l-15 ta' Mejju 1995. Għar-raġunijiet diġa` mogħtija minn din il-Qorti din il-konklużjoni hija infondata u għalhekk din il-Qorti konsegwentement ser tannulla u tħassar is-sentenza appellata. Iżda jifdal li tiġi kkonsidrata l-validita` o meno tad-deċiżjoni tat-Tribunal abbażi tal-premessi l-oħra. Dwar dan ma tistax tiddeċiedi din il-Qorti, iżda għandha tiddeċiedi dwarhom il-Qorti tal-ewwel istanza, sabiex minn tali deċiżjoni ikun hemm l-opportunita` ta' appell jekk ikun il-każ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet it-talbiet attriċi abbażi tal-premessa li d-deċiżjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji kienet nulla għaliex *ultra vires* il-poteri tiegħu minħabba li l-inġustizzja li huwa investiga kienet tirrisali għall-perjodu wara l-15 ta' Mejju 1995, u terġa tibgħat l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi fuq it-talbiet attriċi dwar in-nullita` tad-deċiżjoni tat-Tribunal abbażi tal-premessi l-oħra.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------